# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Frar, 2001**

**Numru 6**

**Citaz. Nru. 748/99GV**

**Doc. Nru. 22-01**

**VAB & Company Limited**

**vs**

**Marisa Camilleri**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi fit-tmienja (8) ta' Mejju, 1997 il-partijiet iffirmaw management agreement ghat-tmexxija tal-"JUMBO LIDO" li jinsab Qui-Si-Sana, Tas-Sliema u fost il-kondizzjonijiet imposti, il-konvenuta intrabtet u obbligat ruhha li thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbghin elf lira Maltin (Lm40,000) li suppost kellhom jithallsu dak in-nhar stess, li minnhom pero', nonostante li hemm dikjarat li thallsu, fil-fatt, wara li kien gie iffirmat il-ftehim, il-konvenuta talbet, u is-socjeta' attrici accettat, li thallas l-istess somma fi tlett rati u ghad baqaghlha thallas l-ahhar rata ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000);

U premess illi il-konvenuta intrabtet u obbligat ruhha li tipprovdi u tforni lis-socjeta' attrici garanzija bankarja ghall-ammont ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) li huwa il-kumpens pagabbli minnha kull sena lis-socjeta' attrici

ai termini tal-fuq citat ftehim ghall-erba’ snin (4) li jiskadu fit-tmienja (8) ta’ Mejju ta’ kull sena mis-sena 1999 ‘l quddiem, liema garanzija ma gietx provduta.

U premess illi l-imsemmi ftehim jista’ jigi terminat f’kaz ta’ ksur ta’ xi wahda mill-kondizzjonijiet miftehma fl-imsemmi ftehim, purche’ il-parti tibqa’ in vjolazzjoni tal-kondizzjoni ghal perijodu ta’ xahar minn meta tircievi avviz bil-miktub mill-parti l-ohra.

U premess illi il-konvenuta giet mitluba tirretifika il-posizzjoni taghha sa almenu mis-sebgha w ghoxrin (27) ta’ April, 1998, izda inutilment.

U premess illi l-konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti.

Is-socjeta’ attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Taqta’ u tiddeciedi il-kawza ai termini tal-artikolu 167 ta’ Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u cioe’ bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ hamest elef lira Maltin, (Lm5,000), kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

B’riserva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ attrici, senjatament dik ghax-xoljiment tal-ftehim ai termini tal-kondizzjonijiet pattwiti fil-ftehim fuq imsemmi tat-tmienja (8) ta’ Mejju, 1987.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol 10A fejn eccepiet illi:

Preliminarjament jinghad illi is-socjeta' attrici ikkoncediet il-gestjoni ta' azienda li ggib l-isem "JUMBO LIDO" fi Qui-Si Sana, u dana permezz ta' management agreement datat tmienja (8) ta' Mejju, 1997.

Illi fl-imsemmija azienda kien hemm diversi impjanti ta' refrigeration, li irrizultaw li kienu fi stat hazin ta' riparazzjoni - tant li kien jehtieg li jigu sostitwiti b'impjanti godda.

Illi bhala manager tal-imsemmija azienda u kif informat lis-socjeta' attrici, il-konvenuta ssostitwit l-imsemmi impjant, u l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa infatti l-prezz li l-istess konvenuta kellha thallas biex l-istess impjant jigi rikostitwit kif ser jigi pprovat fil-kawza.

Illi f'kull kaz u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, meta s-socjeta' attrici ikkoncediet gestjoni tal-istess negozju lill-attrici, hija tat ruha u obbligat ruhha li l-azienda kollha tkun fi stat operazzjonabli hekk li ma tistax tippretendi li tithallas il-pagament minnha pretiz jekk mhux wara li jigi imnaqqas mill-istess pagament, il-hlas ta' prezz ghall-refrigeration units li kienu necessarji biex l-attrici tadempixxi l-operazzjoni tal-azienda kif obbligat ruhha li taghmel mas-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) skond ftehim tat-tmienja (8) ta’ Mejju, 1997.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuta eccepiet li hi kellha tissostitwixxi diversi impjanti ta’ refrigeration li kienu fi stat hazin u l-ammont pretiz mill-atturi huwa l-prezz li hi kellha thallas biex l-impjant jigi rikostitwit.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenuta kellha diversi seduti biex tressaq il-provi taghha pero’ naqset milli taghmel dana. Hi mhux qed tichad li ghandha taghti s-somma mitluba, imma biss li dina s-somma ghandha tigi pacjuta mal-ammont li qed jitolbu l-atturi, billi hija kellha taghmel xi spejjez biex tissostitwixxi apparat difettuz li hallewlha l-atturi.

L-atturi qed jikkontestaw dana u qed isostnu li l-konvenuta kienet taf bl-appart, tant li kienet ratu jahdem. Il-post kien ilu xi tlett snin operabbili qabel haditu l-konvenuta u l-apparat kien gdid. Dwar iz-zewg freezers, huma kienu offrew minghajr pregudizzju li jissostitwixxuhom u kienu lesti li jnaqqsuhom minn dak kollu dovut, basta thallas minnufih. Il-konvenuta izda qatt ma tathom risposta ghall dina l-offerta. Huma qatt ma kienu accettaw li l-makkinarju ma jahdimx jew li kellhom jissostitwixxu l-apparat b’impjanti godda.

Illi, in tema legali, gie ritenut mill-Qrati Taghna li il-kompensazzjoni ssir ipso jure u anke minghajr ma jafu d-debituri, hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu ndaqs. Izda l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha 'ipso jure' ghar-rigward tal-krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra. Fi kliem iehor

il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti ugwalment likwidi u certi.

Fil-kaz in ezami il-kreditu pretiz mill-konvenuta mhux ammess mill-atturi. Inoltre l-konvenuta ma gabet ebda prova (ez. ricevuti) dwar l-allegata spiza li ghamlet.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta; tilqa' it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**